**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR BRIGITTE SULTANA LL.D. LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Seduta tal-lum, il-Gimgha 31 ta' Lulju 2020**

**Kawza Numru: 362/2019**

**Il-Pulizija**
**Spettur Josef Gauci**

**-vs-**

**Aaron Atzori**
**(I.D. Nru. 16403(H))**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors[1] tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard tal-14 ta' Lulju 2020 li biha ghamlet denunzja ai termini ta' l- Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn informat lil din il-Qorti bis-segwenti:

*"1. Illi l-esponenti giet nominata bhala Ufficjal tal-Probation b'relazzjoni ma' Ordni ta' Probation u mahruga fil-konfront ta' Aaron Atzori, detentur tal-karta ta' l- identita' 16403H u residenti 11, Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex, bin-numru tat-telefon 79554766;*

*2. Illi Aaron Atzori qieghed jonqos milli jkompli bir-rijabilitazzjoni tieghu u mhux motivat sabiex jibni struttura u jibdel l-istil tal-hajja tieghu;*

*3. Illi Aaron rega' waqa' fil-vizzju tad-droga kif ukoll qieghed juri mgieba vjolenti;*

[1] A fol.33 tal-process

*4. Illi fid-dawl tal-fatt illi l-Ordni ta Probation tigi fi tmiemha fis-7 ta' Awissu, 2020, qieghed isir dan ir-rikors ta' denunzja hekk kif Aaron Atzori qieghed jabbuza mis-sustanza tal-Kannabis u Kokaina u jirrikjedi aktar ghajnuna sabiex jindirizza l-istess problema u problemi ohra relatati;"*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat ir-rapport tas-Senior Probation Officer Carmen Nygaard tal-14 ta' Lulju, 2020.

Semghet ix-xhieda moghtija mill-istess Carmen Nygaard u l-Probation Officer Joseph Mizzi moghtija nhar il-24 ta' Lulju, 2020.

Fl-istess seduta semghet, ukoll lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**:

Jirrizulta mill-ewwel rapport tas-Senior Probation Officer Carmen Nygaard tas-16 ta' Settembru, 2019, li Aaron Atzori kien miexi fit-triq it-tajba u kien qed jottempera ruhu mall-kundizzjonijiet tal-*Probation Order* ordnata minn din il-Qorti fis-7 ta' Awissu, 2019. Kien anke qed jikkopera mal-Ufficjal tal-Probation u dan skont id-deposizzjoni ta' l-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi[2]. L-imgieba tieghu kienet tajba anke kif rappurtat fin-nota ta' l-4 ta' Ottubru, 2019.

It-tieni rapport, izda, tal-14 ta' Lulju, 2020 jaghti stampa kemm xejn differenti tant li jidher li Aaron Atzori qed jibda jimmolla u juri sinjali ta' ribelljoni. Jidher ukoll illi hemm ic-cans li ser jerga jibda jabbuza mid-droga. Infatti waqt is-seduta tal-24 ta' Lulju, 2020 ammetta mal-Qorti li pejjep spinellu li kien ghad baqalu.

Illi l-iskop tal-probation huwa sabiex persuni misjuba hatja ta' xi reat jew reati jinghataw l-ghajnuna necessarja minn Ufficjali tal-Probation kif ukoll minn professjonisti ohra, skont il-htiega. F'dan il-kaz il-Qorti osservat

[2] Xhieda moghtija fl-24 ta' Lulju, 2020.

sew lil Atzori waqt is-seduta u setghet tinnota li kien hemm kambjament notevoli fil-komportament tieghu minn meta l-ahhar li deher quddiemha f'Awissu 2019. Deher aktar kalm u ko-erenti. Tosserva wkoll li kif jirrizulta mir-rapport tal-14 ta' Lulju, 2020, minhabba s-sitwazzjoni mposta fuq kulhadd minhabba l-COVID 19, il-kuntatt dirett personali tant importanti ta' l-Ufficjal tal-Probation u l-professjonisti ma' Atzori waqaf u l–kuntatt beda jsir permezz tat-telefon. Hija l-fehma tal-Qorti li dan it-tibdil wassal biex il-process li nbeda tharbat ghax kien hemm kambjament fir-rutina, f'dak miftiehem u ghalhekk inbidlu l-aspetattivi. Huwa fatt ben maghruf li anke t-toqol psikologiku zdied matul il-perjodu meta kien hawn tibdil anke fil-hajja ta' kuljum u dak li kien normalment isir, sar f'daqqa wahda projbit jew ristrett.

Il-Qorti wissiet lil Aaron Atzori li jekk ma hux ser jimxi mal-kundizzjonijiet ta' l-Ordni mahrug minnha kif ukoll jekk ma josservax id-direzzjoni li jaghtih l-Ufficjal tal-Probation ma hux ser ikollu futur felici izda jkun qed jistieden inkwiet aktar serju b'idejh.

Meta qieset ir-rapporti flimkien, l-imgieba ta' Atzori, kif ukoll l-eta tieghu, hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghalkemm Aaron Atzori huwa hati li kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Probation huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk ser tghaddi sabiex testendi l-Ordni ta' Probation u zzid kundizzjonijiet ohra li fil-fehma taghha jservu ta' ghodda necessarja sabiex il-hati jaqbad it-triq tas-sewwa. Il-Qorti tiehu din l-opportunita' sabiex twiddeb lill-omm l-akkuzat sabiex jekk verament trid tghin lil binha ma ghandhiex toqghod issib skuzi ghall-agir hazin tieghu – ma ghandhiex twahhal fil-medicina li qed jiehu. Ghandha tghinu billi tinkoraggieh u zzomm kuntatt hi wkoll mal-professjonisti li qed jassistu lil binha halli dan jimxi 'l quddiem.

**Decide.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 11 u 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Aaron Atzori hati li kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Probation mahruga minn din l-istess Qorti fis-7 ta' Awissu, 2019 u ghalhekk tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50.00).**

**Għar-raġunijiet ġia mogħtija l-Qorti hija tal-fehma li jissusistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa sabiex testendi l-Ordni ta' Probation maħruġa minnha fis-07 ta' Awissu 2019 għal sentejn oħra.**

**A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation kif estiża kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, kif ukoll l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation kif estiża bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiġ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole. L-Uffiċjal tal-Probation ġia assenjat Joseph Mizzi għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.**

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur

**Probation order**

Il-Qorti;

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Aaron Atzori detentur tal-karta tal-identita' numru 16403H gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li Ordni ta' Probation li hemm fis-sehh jigi estiz b'sentejn mis-7 ta' Awissu, 2020, b'zieda fil-kundizzjonijiet;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni hekk estiza jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' l-Ordni kif estiza, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera' li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati Aaron ATZORI detentur tal-karta tal-identita' numru 16403H jibqa' ghall-perjodu ta' sentejn ohra li jibdew jiddekorru mis-07 ta Awissu, 2020 taht is-sorveljanza ta' l-Ufficjal ta' Probation Joseph Mizzi taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi **kollha** tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi.

2. L-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza mmedjatament lill-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jergax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati ohra, u b'mod partikolari li jsegwi programm kontra r-rabja (*anger management program*).

6. Li joqghod ghal dawk id-direttivi jew ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation fir-rigward ta' kwalunkwe test jew analizi li l-istess Ufficjal ihoss li jkunu mehtieġa, inkluz testijiet tal-urina u testijiet ohra u kif ukoll li l-hati ghandu jsegwi u joqghod ghal dawk il-programmi jew trattamenti kontra l-abbuz tad-droga, inkluz programmi residenzjali kontra l-abbuz mid-droga, kif ukoll ghajnuna psikologika li l-istess Ufficjal jista' jippreskrivi lill-hati minn zmien ghal zmien.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati, lill-Ufficjal tal-probation Joseph Mizzi kif ukoll lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft.) Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Aaron Atzori
Imputat